Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 214/16/1

**Aluserv Ltd (C16209)**

**vs**

**Aiden Xuereb (K.I. 544878M)**

30 ta' Lulju 2019.

1. **Il-kawża hi dwar talba għall-ħlas ta' €1,106.24 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' aperturi tal-aluminju li l-attriċi ssostni li l-konvenut għad irid iħallas.**

2. Fl-Avviż tat-2 ta' Ġunju 2016 ippreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, is-soċjeta` attriċi ippremettiet li hija kienet għamlet xogħol ta' aperturi tal-aluminju fuq talba tal-konvenut, u minkejja interpellat sabiex iħallas il-bilanċ ta' **€1,106.24**, baqa' inadempjenti. Talbet għalhekk lit-Tribunal sabiex jordna lill-konvenut iħallas il-bilanċ, bl-ispejjeż.

3. Fit-2 ta' Frar 2017 il-konvenut ippreżenta r-risposta relattiva tiegħu fejn qal li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u li l-ammont pretiż mhux dovut *"għar-raġuni li s-sur Matthew Joslin kien issalda dan il-bilanċ biex jagħmel tajjeb għal bieb li jiswa €1,800 li ma sarx skont l-arti u s-sengħa."*

4. Fid-19 ta' April 2017 it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, wara li qies il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet dehrlu li "*l-miżien joxxilla aktar favur il-verżjoni ta' Xuereb*" u konsegwentement laqa' l-eċċezzjonijiet tal-istess Xuereb u ċaħad it-talbiet tas-soċjeta` attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` attriċi.

5. Fit-8 ta' Mejju 2017 is-soċjeta` attriċi ppreżentat rikors quddiem din il-qorti fejn

appellat minn tali sentenza. Hija talbet lil din il-qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' t-talba tagħha.

6. **L-aggravju** tagħha jikkonsisti fil-fatt li t-Tribujnal għażel li jistrieħ fuq il-verżjoni tal-konvenut mingħajr ma nġabet l-ebda prova fir-rigward. Tilmenta li b'hekk it-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita` u tal-ekwita` skont il-liġi u li konsegwentement ġew ippreġudikati l-jeddijiet tagħha. Taċċenna għall-fatt li minkejja li l-konvenut xehed li Matthew Joslin (dak iż-żmien General Manager tagħha) kien ħafirlu l-bilanċ reklamat f' din il-kawża, baqa' ma pproduċa l-ebda prova biex jissostanzja tali verżjoni; la permezz ta' xi dokument u lanqas permezz tax-xiehda tal-istess Matthew Joslin, li fil-fatt baqa' ma ttellax mill-konvenut bħala xhud.

7. Il-konvenut ġie notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviż tas-smiegħ permezz tal-proċedura tal-affissjoni (*notif. 09.05.2019*) u tal-pubblikazzjoni (*Gazz. Gvern ħarġa tat-28.05.2019*). Huwa ma weġibx għall-appell tas-soċjeta` attriċi. Dakinhar tas-smiegħ (24.06.2019) deher u ta ruħu b'notifikat. Saret trattazzjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjoni.**

8. Is-soċjeta` attriċi intavolat dan l-appell abbażi tal-Artikolu 8(2)(d) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar):

"(2) *Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*

*(a) fuq kull ħaġa li jkollha x' taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*

*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*

*(c) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(2);*

*(d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita` u tal-ekwita` skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella."*

9. F’dan il-każ il-jedd ta’ appell hu limitat għal dawk il-każijiet li jissemmew f’artikolu 8(2)(d) tal-Kap. 380 peress li l-ammont in kwistjoni hu inqas minn €1,500.

10. L-Artikolu 8(3) jagħmilha ċara li:

*“Ikun hemm ukoll dritt ta’ appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2)*[1]*, jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).”*

11. Is-soċjeta` attriċi fir-rikors tal-appell irreferiet għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-29 ta’ Jannar 1999 fil-kawża fl-ismijiet “***Carmel Gerada vs Charles Borg Barthet (Beta Centre)***” fejn ġie insenjat[2] illi l-ġustizzja u l-ekwita` jirrikjedu li d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun ibbażata fuq fatti provati:

*"….l-ġustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta’ reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta’ fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta’ kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta’ fatt kinitx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b’modiku ossia minimu ta’ fatt provat. Huwa wkoll prinċipju ta’ ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat”.*

12. Il-prinċipju jibqa’ li mhemmx appell fuq punt ta’ fatt fejn il-kwistjoni tkun dwar €1,500 jew inqas.

13. Mhemm l-ebda indikazzjoni li t-Tribunal ma kienx imparzjali. Inoltre, dan il-każ kien jinvolvi apprezzament tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal u xejn aktar. It-Tribunal iddeċieda a bażi ta’ dawk il-provi.

14. F’kull każ din il-qorti xorta eżaminat il-provi.

---

[1] Jiġifieri l-ammont jitqies mingħajr id-drittijiet u spejjeż li għandhom x’ jaqsmu mat-talba.
[2] liema insenjament ġie ċitat wkoll fil-kawża ***Jennifer Hubbers vs Rite Mix (Gatt Bros.) Ltd*** (Q. App. Inf. 26.01.2005, 5/2004/PS) u fil-kawża ***George Mario Attard vs Chiara Micallef*** (Q. App. Inf. 28.04.2017, 301/2014/AE).

15. Da parti tagħha s-soċjeta` attriċi pproduċiet lil **Mark Vassallo** bħala xhud[3]. Huwa spjega li s-soċjeta` attriċi kienet għamlet diversi xogħljiet lill-konvenut u li kien fadallu jħallas bilanċ ta' €1,106.24, cioe` l-ammont mertu tal-kawża. Huwa ppreżenta **Dok MV1**, li huwa statement li juri li l-bilanċ pretiż mis-soċjeta` attriċi huwa effettivament ta' €1,106.24. Mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi problema bix-xogħlijiet wieġeb li fil-fatt kien hemm problema fir-rigward ta' bieb minnhom. Qal li dan kien għaliex il-madum kien tqiegħed wara li kienu ħadu l-kejl; spjega li huma kienu aċċettaw li jimmodifikawh. Sostna li "*l-bieb illum ġie installat u ġie sewwa.*" Qal li għalkemm il-konvenut insista magħhom li ma kellux iħallas il-bilanċ ta' €1,106.24, "*ma kien hemm ebda ftehim li aħna konna ser naqtgħulu xi ħaġa mill-kont minħabba l-bieb.*" Kontro-eżaminat sostna li l-bieb ma kellu l-ebda difett, iżda li ġara kien li spiċċa "*mirdum taħt il-madum u għalhekk kellu jiġi modifikat*". Mistoqsi dwar l-allegat ftehim ma' Matthew Joslin, li fiż-żmien tal-kwistjoni kien General Manager, għalkemm ikkonferma li dan Joslin żgur kien tkellem mal-konvenut, ippreċiża li qatt ma ġie infurmat li kien hemm ammont li kellu jinħafer.

16. Il-konvenut **Aiden Xuereb** ta x-xiehda tiegħu fit-10 ta' April 2017[4]. Qal li s-soċjeta` attriċi kienet għamlitlu diversi xogħlijiet li kumplessivament kienu jammontaw għal €33,000. Spjega li sa Awwissu 2013 ix-xogħlijiet kienu lest iżda kien hemm "snag list". Qal li dam sentejn jiġri wara n-nies tas-soċjeta` attriċi imbagħad darba minnhom, f' Mejju 2015 kien ċempillu Matthew Joslin, il-General Manager, u qallu li kien se jibagħtlu n-nies biex isolvulu l-problemi li kien għad kellu. Qal li damu sena oħra ġejjin u sejrin bis-site visits u l-problemi ssolvew, ħlief għall-problema waħda li kienet tirrigwarda bieb kbir. Spjega li l-problema kienet tikkonsisti fil-fatt li meta tagħmel ix-xita, l-ilma ma kienx qed jiskula mic-*channel*, iżda kien qed jibqa' fic-*channel* u imbagħad jiskula għal ġewwa. Sostna li meta l-managers kienu marru fuq il-post "*qaluli li dan kien difett mill-bidu"*. Qal li Matthew Joslin kien offrielu kumpens biex jagħlqu l-każ. Spjega li l-bieb kien jiswa €1,400 u dawn ħadhom billi kien fadallu jagħmel

[3] xiehda ta' Mark Vassallo (488164M) tas-6 ta' Marzu 2017, fol 25-26
[4] xiehda ta' Aiden Xuereb tal-10 ta' April 2017, fol 29-30

grada żgħira tiswa €300 u ħadha b'xejn, u l-bilanċ ta'madwar €1,100 inħafirlu.

17. Il-konvenut ippreżenta numru ta' ***emails*** li ġew immarkati **Dok AX1, AX2 u AX3**. Din il-qorti tagħmel aċċenn partikolari għall-*email* tat-18 ta' Mejju 2016 li huwa kien bagħat lil Mark Vassallo (u li ġiet ikkuppjata lil diversi impjegati oħra tas-soċjeta` attriċi), senjatament is-segwenti parti, fejn Xuereb anke jaċċenna għall-ftehim li intlaħaq bejnu u bejn Matthew Joslin:

*"….Not to take too much of your precious time, I'll try cut it short, so let me explain why I don't owe anything to servgroup:*

*After the email I mentioned above I was contacted by your GM at the time, and the took the time not just to call me, but also come and visit me at my office to make sure all is to be resolved (on May 26th 2015 @ 3.30pm) which I honestly appreciated a lot. After fixing all the pending items, one of the items installed, a €1,300 4-leaf sliding door, was found to be not installed properly. This is a door that is on the outside, and when it rains with wind from "faccata" the water does not drain from the channels, and even ends up inside. There were also occasions where water seeped beneath the tiles, and into the floor below leaving damage in the process. When I had pointed this out to your people they told me that this cannot be fixed, as the channel used was the wrong one. The only way, they said, was to completely change the channel and apparently the door too, and they would not match. I was also told that it's not worth the money and time to change all of this and that if I can live with it it's much better. I obviously did not accept this: "live with it"? I discussed the issue further and we agreed on leaving the door as it is, not paying for it, ovvja, since it's faulty, and also having a small compensation, to compensate for the difference in price of the door. The compensation was in the form of a small gate which was installed in around October 2015. There were a few other issues being taken care of, that continued on, and finally ended in around January 2016. Then, al of a sudden, a few months later, your wife calls asking for the €1000. And I got to know that she did so, as the GM was not working with you anymore and she sort of took over.*

*No. I don't owe servgroup anything else. Apart from the fact that* ***<u>we had agreed that it's case closed</u>****, if you still think I owe you, change the faulty door and when I'm satisfied I will pay for it. But being that this story got to what it is today, if this is dragged on, I will be seeking compensation for all the time I wasted away from work with dealing with servgroup, damage to my property from the water ingress, as well as moral damages. Now it's up to you what you want to do.*
*…"*

18. <u>Din il-qorti tosserva li t-Tribunal ikkunsidra l-verżjonijiet li taw l-attur u Vassallo</u>. Huwa qies li ż-żewġ naħat kienu qegħdin iħossu li qegħdin jgħidu l-verita` u li ma kellux raġuni jiddubita lil xi wieħed minnhom. Dwar l-allegat ftehim bejn il-konvenut u Joslin, it-Tribunal osserva li għalkemm Vassallo ma kienx preżenti,

l-istess Vassallo ma eskludiex li seta' kien hemm tali ftehim (fil-fatt Vassallo sempliċiment qal li ma kienx ġie infurmat li kien hemm ammont li kellu jinħafer). It-Tribunal ukoll irrikonoxxa li kien hemm skambji (ta' *emails*). Għalkemm ikkummenta li kien ikun aħjar li kieku l-konvenut tella' lil Matthew Joslin jixhed sabiex jikkonferma hu stess li kien ħafirlu l-bilanċ, huwa fakkar li mhux marbut bir-regola tal-aħjar prova.

19. Dan huwa korrett, għaliex fil-fatt l-Artikolu 9(2)(b) tal-Kap 380 jipprovdi li t-Tribunal:

*"għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-każ li jkun qed jittratta."*

20. It-Tribunal, wara li qies iż-żewġ verżjonijiet qies li l-*"miżien joxxilla aktar favur il-verżjoni ta' Xuereb".*

21. Il-qorti tqies li l-konvenut kien konsistenti fil-mod kif xehed. L-attriċi hi tal-fehma li l-verżjoni ta' Vassallo kellha titwemmen mit-Tribunal. Pero' ma tatx raġunijiet għalfejn it-Tribunal kellu jiskarta l-verżjoni li ta l-konvenut. Hu evidenti li meta nqalgħet il-problema dwar wieħed mill-bibien, Vassallo ma kienx il-persuna li kien qiegħed jitkellem magħha l-konvenut. L-appellanti argumentat li l-prova kellha ssir mill-konvenut u li, *"... wieħed jistenna li, li kieku kien hekk, kien ikun hemm xi ħaġa bil-miktub u fin-nuqqas ta' dan kellu jtella' lill-persuna tixhed għax fil-fatt għalkemm kien indikat bħala xhud fil-lista tax-xhieda tal-istess konvenut, il-konvenut agħżel lii ma jtellawx biex jixhed quddiem it-Tribunal".* Il-konvenut ta l-verżjoni tiegħu li hi ċara u konsistenti. Il-fatt li ma ħarrikx bħala xhud lil Joslin, ma jfissirx li t-Tribunal kellu jiskarta dak li xehed il-konvenut. L-istess igħodd għall-osservazzjoni tal-appellanti li l-konvenut ma ppreżentax dokument bil-miktub li jikkonferma dak li xehed dwar id-diskussjoni li qal li kellu ma' Joslin. Prova dokumentarja mhijiex essenzjali, iktar u iktar meta tikkunsidra il-valur konsiderevoli ta' dak li ordna l-konvenut mingħand l-appellanti meta paragunat mal-bilanċ li kien għad fadal x'jitħallas.

22. Il-korrispondenza stess li ppreżenta l-konvenut turi li l-problema kienet teżisti u hemm baqgħet. Jekk l-appellanti riedet tirribatti dak li xehed il-konvenut u li l-ilment tal-konvenut kien ġiet indirizzat għas-sodisfazzjoni tiegħu, kien fl-interess tagħha li semmai titlob lit-Tribunal sabiex tressaq bħala xhud lil Joslin. Minflok l-appellanti għażlet li tistrieħ fuq dak li xehed Mark Vassallo, li qal li l-uniku problema li nqalgħet kienet li, *"... waqt li qed isir ix-xogħol bieb minnhom ġie ikbar. Jidher li dan il-fatt kien dovut għall-fatt illi l-madum tqiegħed wara li konna kejjilna imma aħna min-naħa tagħna konna aċċettajna li nimmodifikaw il-bieb billi nqassruh u nerġgħu inqiegħduh"*. L-ilment tal-konvenut m'għandu x'jaqsam xejn mal-ogħli ta' bieb. Vassallo qal li l-konvenut ma riedx iħallas *"minħabba dan l-inċident tal-bieb"*. Pero' l-korrispondenza li ppreżenta l-konvenut (fol. 31-34) ma tikkonfermax dak li xehed Vassallo. Il-problema kienet f'wieħed mill-bibien li minnu jidħol l-ilma tax-xita, u ġustament il-konvenut għamilha ċara li qabel tinstab soluzzjoni ma kienx beħsiebu jħallas il-bilanċ. Problema li baqgħet hemm. Minflok li l-appellanti rat x'hemm bżonn isir wara li fit-18 ta' Mejju 2016 il-konvenut bagħat email lil Mark Vassallo u reġa spjega x'kienet il-problema li qatt ma ssolviet, qabdet u fit-2 ta' Ġunju 2016 ippreżentat il-kawża. Jibqa' l-fatt li sa minn qabel ippreżentat il-kawża, l-appellanti kienet taf x'kien l-ilment tal-attur u naqset milli ssib soluzzjoni. Hu evidenti li għalkemm Vassallo qal li l-uniku problema li kien hemm kienet issolviet, il-verżjoni tal-konvenut u korrispondenza juru mod ieħor.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tas-soċjeta` attriċi u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal, bl-ispejjeż kontriha.**

Anthony Ellul.